MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) TRAFFIKU - RABAT (GHAWDEX)

## MAGISTRAT DR. GRIXTI GIOVANNI LL.D., LL.M.

Seduta ta' 30 ta' Ottubru, 2002

Numru. 724/2001
Kawza Numru. 27

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Joseph Xerri ta' 17-il sena iben Paul u Annunzjata li joqghod 'Xerri House', Conception Street, Qala, Ghawdex.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fis-7 ta' Novembru 2001 ghall-habta tas-2:15 p.m. saq vettura numru LAR 489 matul Triq Papa Piu IX, Qala, minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` ta' Transport ta' Malta, sabiex isuq l-istess vettura (2) minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni rigward riskju ta' terzi persuni.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz li l-imputat jinstab hati barra mill-piena stabbilita mill-istess Qorti jigi sospiz milli jottjeni

licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ zmien illi jidhrilha xieraq.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjon ssibu hati;

Rat l-artikoli 15 (1) tal-Kap 65 u 3 tal-Kap 104;

Bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 37 tal-Kap 9 stante li l-imputat kien minorenni fid-data tal-kommessjoni tar-rejat tikkundannah ghall-hlas ta’ ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fuq l-ewwel akkuza u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fuq it-tieni akkuza.

Tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur minn meta jaghlaq it-tmintax-il sena.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur